**Fuljett ta' tagħrif: Informazzjoni għall-utent**

**Comirnaty KP.2 3 mikrogrammi/doża konċentrat għal dispersjoni għall-injezzjoni**
**Trabi u tfal minn 6 xhur sa 4 snin**
**Vaċċin tal-mRNA tal-COVID-19**
cemivameran

▼Dan il-prodott mediċinali huwa suġġett għal monitoraġġ addizzjonali. Dan ser jippermetti identifikazzjoni ta' malajr ta' informazzjoni ġdida dwar is-sigurtà. Inti tista' tgħin billi tirrapporta kwalunkwe effett sekondarju li jista' jkollu/ha t-tifel jew it-tifla tiegħek. Ara t-tmiem ta' sezzjoni 4 biex tara kif għandek tirrapporta effetti sekondarji.

**Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel it-tifel/tifla tiegħek jirċievi/tirċievi dan il-vaċċin peress li fih informazzjoni importanti għat-tifel/tifla tiegħek.**
- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tat-tifel/tifla tiegħek.
- Jekk it-tifel jew it-tifla tiegħek ikollu/ha xi effett sekondarju kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tat-tifel/tifla tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Ara sezzjoni 4.

**F'dan il-fuljett**

1. X'inhu Comirnaty KP.2 u għalxiex jintuża
2. X'għandek tkun taf qabel ma t-tifel jew it-tifla tiegħek jirċievi/tirċievi Comirnaty KP.2
3. Kif jingħata Comirnaty KP.2
4. Effetti sekondarji possibbli
5. Kif taħżen Comirnaty KP.2
6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra


## 1. X'inhu Comirnaty KP.2 u għalxiex jintuża

Comirnaty KP.2 huwa vaċċin użat għall-prevenzjoni tal-COVID-19 ikkawżata minn SARS-CoV-2.

Comirnaty KP.2 3 mikrogrammi/doża konċentrat għal dispersjoni għall-injezzjoni jingħata lil trabi u tfal b'età minn 6 xhur sa 4 snin.

Il-vaċċin jikkawża s-sistema immuni (id-difiżi naturali tal-ġisem) biex tipproduċi antikorpi u ċelluli tad-demm li jaħdmu kontra l-virus, u b'hekk tagħti protezzjoni kontra l-COVID-19.

Peress li Comirnaty KP.2 ma fihx il-virus biex jipproduċi l-immunità, ma jistax jagħti COVID-19 lit-tifel jew lit-tifla tiegħek.

L-użu ta' dan il-vaċċin għandu jkun skont ir-rakkomandazzjonijiet uffiċjali.

## 2. X'għandek tkun taf qabel ma t-tifel jew it-tifla tiegħek jirċievi/tirċievi Comirnaty KP.2

**Comirnaty KP.2 m'għandux jingħata**
- jekk it-tifel jew it-tifla tiegħek huwa/hija allerġiku/a għas-sustanza attiva jew għal xi sustanza oħra ta' din il-mediċina (imniżżla fis-sezzjoni 6)

**Twissijiet u prekawzjonijiet**
Kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tat-tifel/tifla tiegħek qabel ma t-tifel jew it-tifla tiegħek jingħata/tingħata dan il-vaċċin jekk it-tifel/tifla tiegħek:
- qatt kellu/kellha reazzjoni allerġika severa jew problemi bin-nifs wara l-injezzjoni ta' kwalunkwe vaċċin ieħor jew wara li ngħata/ingħatat dan il-vaċċin fil-passat.

- qed iħossu/iħossha nervuż/a dwar il-proċess tat-tilqim jew jekk xi darba intilef/intilfet minn sensih/ha wara kwalunkwe injezzjoni b'labra.
- għandu/għandha marda severa jew infezzjoni b'deni għoli. Madankollu, it-tifel/tifla tiegħek jista'/tista' jieħu/tieħu t-tilqima tiegħek jekk ikollu/ha deni ħafif jew infezzjoni ħafifa tal-parti ta' fuq tal-passaġġ tan-nifs bħal riħ.
- għandu/għandha problema ta' ħruġ ta' demm, jitbenġel/titbenġel malajr jew juża/tuża mediċina biex tipprevjeni emboli tad-demm.
- għandu/għandha sistema immuni mdgħajfa, minħabba marda bħal infezzjoni bl-HIV jew mediċina bħal kortikosterojdi li taffettwa s-sistema immuni.

Hemm żieda fir-riskju ta' mijokardite (infjammazzjoni tal-muskolu tal-qalb) u perikardite (infjammazzjoni tar-rita barra mill-qalb) wara tilqim b'Comirnaty (ara sezzjoni 4). Dawn il-kundizzjonijiet jistgħu jiżviluppaw fi żmien ftit jiem biss wara t-tilqim u seħħew primarjament fi żmien 14-il jum. Dawn ġew osservati aktar spiss wara t-tieni tilqima, u aktar spiss f'irġiel iżgħar fl-età. Ir-riskju ta' mijokardite u perikardite jidher li huwa aktar baxx fi tfal b'età minn 5 snin sa 11-il sena meta mqabbla mal-etajiet ta' 12-il sena sa 17-il sena. Il-biċċa l-kbira tal-każijiet ta' mijokardite u perikardite jirkupraw. Xi każijiet kienu jeħtieġu appoġġ ta' kura intensiva u ġew osservati każijiet fatali. Wara t-tilqim, għandek toqgħod attent għal sinjali ta' mijokardite u perikardite, bħal qtugħ ta' nifs, palpitazzjonijiet u wġigħ fis-sider, u tfittex attenzjoni medika immedjata jekk dawn iseħħu.

Bħal kull vaċċin, Comirnaty KP.2 jista' ma jipproteġix b'mod sħiħ lil dawk kollha li jirċevuh u mhux magħruf kemm it-tifel/tifla ser idum/iddum protett/a.

L-effikaċja ta' Comirnaty KP.2, tista' tkun aktar baxxa f'nies li huma immunokompromessi. Jekk it-tifel/tifla tiegħek huwa/hija immunokompromess/a, huwa/hija jista'/tista' tirċievi dożi addizzjonali ta' Comirnaty KP.2. F'dawn il-każijiet, it-tifel/tifla għandu/ha jkompli/tkompli jieħu/tieħu prekawzjonijiet fiżiċi biex tgħin tipprevjeni l-COVID-19. Barra minn hekk, persuni viċin it-tifel/tifla tiegħek għandhom jiġu mlaqqma kif xieraq. Iddiskuti rakkomandazzjonijiet individwali xierqa mat-tabib tat-tifel/tifla tiegħek.

**Tfal**
Comirnaty KP.2 3 mikrogrammi/doża konċentrat għal dispersjoni għall-injezzjoni mhux rakkomandat għal tfal b'età minn 5 snin sa 11-il sena.

Hemm formulazzjonijiet pedjatriċi disponibbli għal tfal b'età minn 5 snin sa 11-il sena. Għad-dettalji, jekk jogħġbok irreferi għall-Fuljett ta' Tagħrif għal formulazzjonijiet oħra.

Il-vaċċin mhux rakkomandat għal trabi b'età ta' inqas minn 6 xhur.

**Mediċini oħra u Comirnaty KP.2**
Għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tat-tifel/tifla tiegħek jekk it-tifel/tifla tiegħek qed juża/tuża, uża/użat dan l-aħħar jew jista'/tista' juża/tuża xi mediċini oħra jew jekk riċentement irċieva/irċeviet xi vaċċin ieħor.

**Tqala u treddigħ**
Comirnaty KP.2 3 mikrogrammi/doża konċentrat għal dispersjoni għall-injezzjoni mhuwiex maħsub għal individwi li għandhom aktar minn 5 snin.

Għal dettalji dwar l-użu f'individwi b'età ta' aktar minn 5 snin, jekk jogħġbok irreferi għall-Fuljett ta' Tagħrif ta' formulazzjonijiet oħra.

**Sewqan u tħaddim ta' magni**
Uħud mill-effetti tat-tilqima msemmija fis-sezzjoni 4 (Effetti sekondarji possibbli) jistgħu jaffettwaw b'mod temporanju l-ħila tat-tifel/tifla tiegħek li jħaddem/tħaddem magni jew li jwettaq/twettaq attivitajiet bħal li jsuq/issuq rota. Stenna sakemm dawn l-effetti jgħaddu qabel ma tkompli b'attivitajiet li jeħtieġu l-attenzjoni sħiħa tat-tifel/tifla tiegħek.

## 3. Kif jingħata Comirnaty KP.2

Jekk it-tarbija tiegħek għandha età minn 6 xhur sa inqas minn 12-il xahar, huwa/hija ser jingħata/tingħata Comirnaty KP.2 b'**għatu isfar** wara d-dilwizzjoni bħala injezzjoni ta' **0.3 mL** ġo muskolu fil-koxxa. Jekk it-tarbija jew tifel/tifla tiegħek għandu/ha età ta' sena jew aktar, huwa/hija ser jingħata/tingħata Comirnaty KP.2 b'**għatu isfar** wara d-dilwizzjoni bħala injezzjoni ta' **0.3 mL** f'muskolu fil-koxxa jew f'muskolu fin-naħa ta' fuq tad-driegħ.

Jekk it-tifel/tifla tiegħek ma lestiex/lestietx kors ta' tilqim primarju kontra l-COVID-19 jew ma kienx/kinitx infettat/a bil-COVID-19 fil-passat, it-tifel/tifla tiegħek ser jirċievi/tirċievi massimu ta' 3 injezzjonijiet (in-numru totali ta' dożi meħtieġa bħala kors primarju). Huwa rakkomandat li tirċievi t-tieni doża 3 ġimgħat wara l-ewwel doża segwita mit-tielet doża mill-inqas 8 ġimgħat wara t-tieni doża biex jitlesta l-kors primarju.

Jekk it-tifel/tifla tiegħek lesta kors ta' tilqim primarju kontra l-COVID-19 qabel jew kellu/ha l-COVID-19, it-tifel/tifla tiegħek ser jirċievi/tirċievi injezzjoni waħda. Jekk it-tifel/tifla tiegħek kien/kienet imlaqqam/imlaqqma qabel b'vaċċin tal-COVID-19, it-tifel/tifla tiegħek m'għandhux/hiex jirċievi/tirċievi doża ta' Comirnaty KP.2 qabel mill-inqas 3 xhur wara l-aktar doża riċenti.

Jekk tifel/tifla tiegħek jagħlqu 5 snin bejn id-dożi tagħhom waqt il-kors primarju, huwa/hija għandhu/ha jkompli/tkompli l-kors primarju fl-istess livell tad-doża ta' 3 mikrogrammi.

Jekk it-tifel/tifla tiegħek huwa/hija immunokompromess/a, jista'/tista' jirċievi/tirċievi dożi addizzjonali ta' Comirnaty KP.2.

**Bidla ma' tilqim ieħor**
It-tifel/tifla tiegħek jista'/tista' jirċievi/tirċievi kwalunkwe vaċċin Comirnaty preċedenti jew attwali għall-kors primarju. It-tifel/tifla tiegħek m'għandux/hiex jirċievi/tirċievi aktar min-numru totali ta' dożi meħtieġa bħala kors primarju. It-tifel/tifla tiegħek għandu/ha jingħata/tingħata l-kors primarju darba biss.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' Comirnaty KP.2, staqsi lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tat-tifel/tifla tiegħek.

## 4. Effetti sekondarji possibbli

Bħal kull vaċċin ieħor, Comirnaty KP.2 jista' jikkawża effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux f'kulħadd.

**Effetti sekondarji komuni ħafna:** jistgħu jaffettwaw aktar minn persuna waħda minn kull 10
- irritabilità (6 xhur sa inqas minn sentejn)
- sit tal-injezzjoni: uġigħ/sensittività, nefħa
- għeja, uġigħ ta' ras
- ħedla ta' ngħas (6 xhur sa inqas minn sentejn)
- uġigħ fil-muskoli, uġigħ fil-ġogi
- tkexkix ta' bard, deni
- dijarea

**Effetti sekondarji komuni:** jistgħu jaffettwaw sa persuna waħda minn kull 10
- dardir
- rimettar ('komuni ħafna' f'nisa tqal b'età minn 18-il sena 'l fuq u f'individwi immunokompromessi b'età minn sentejn sa 18-il sena)
- ħmura fis-sit tal-injezzjoni ('komuni ħafna' fl-età ta' 6 xhur sa 11-il sena u f'individwi immunokompromessi b'età minn sentejn 'l fuq)
- glandoli limfatiċi minfuħa (osservati b'mod aktar frekwenti wara d-doża booster)

**Effetti sekondarji mhux komuni:** jistgħu jaffettwaw sa persuna waħda minn kull 100
- tħossok ma' tiflaħx, tħossok dgħajjef jew b'nuqqas ta' enerġija/bi ngħas
- uġigħ fid-dirgħajn
- insomnja
- ħakk fis-sit tal-injezzjoni
- reazzjonijiet allerġiċi bħal raxx ('komuni' fl-età ta' 6 xhur sa inqas minn sentejn) jew ħakk
- tnaqqis fl-aptit ('komuni ħafna' fl-età ta' 6 xhur sa inqas minn sentejn)
- sturdament
- għaraq eċċessiv, għaraq matul il-lejl

**Effetti sekondarji rari:** jistgħu jaffettwaw sa persuna waħda minn kull 1 000
- naħa waħda tal-wiċċ tiddendel b'mod temporanju
- reazzjonijiet allerġiċi bħal ħorriqija jew nefħa fil-wiċċ

**Effetti sekondarji rari ħafna:** jistgħu jaffettwaw sa persuna waħda minn kull 10 000
- infjammazzjoni tal-muskolu tal-qalb (mijokardite) jew infjammazzjoni tar-rita barra mill-qalb (perikardite) li tista' tirriżulta fi qtugħ ta' nifs, palpitazzjonijiet jew uġigħ fis-sider

**Mhux magħruf** (ma tistax tittieħed stima mid-data disponibbli)
- reazzjoni allerġika severa
- nefħa estensiva fid-driegħ li fih ingħata l-vaċċin
- nefħa fil-wiċċ (nefħa fil-wiċċ tista' sseħħ f'pazjenti li kellhom *fillers* dermali tal-wiċċ)
- reazzjoni tal-ġilda li tikkawża tikek jew rqajja' ħomor fuq il-ġilda, li jistgħu jidhru bħal targit jew "bulls-eye" b'ċentru aħmar skur imdawwar bi ċrieki ħomor ċari (eritema multiforme)
- sensazzjoni mhux tas-soltu fil-ġilda, bħal tnemnim jew sensazzjoni ta' xi ħaġa miexja fuq il-ġilda (parestesija)
- tnaqqis fis-sensazzjoni jew fis-sensittività, speċjalment fil-ġilda (ipoestesija)
- emorraġija mestrwali qawwija (il-parti l-kbira tal-każijiet dehru li ma kinux serji u kienu ta' natura temporanja)

**Rappurtar tal-effetti sekondarji**
Jekk it-tifel/tifla tiegħek ikollu/ha xi effett sekondarju, kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tat-tifel/tifla tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Tista' wkoll tirrapporta effetti sekondarji direttament permezz tas-sit elettroniku tar-rapportar tar-reazzjonijiet avversi suspettati: www.medicinesauthority.gov.mt/adrportal. Billi tirrapporta l-effetti sekondarji tista' tgħin biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar is-sigurtà ta' din il-mediċina.

## 5. Kif taħżen Comirnaty KP.2

Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħaqx mit-tfal.

It-tagħrif li ġej dwar il-ħażna, d-data ta' meta tiskadi u l-użu u l-immaniġġar huwa maħsub għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa.

Tużax din il-mediċina wara d-data ta' meta tiskadi li tidher fuq il-kartuna u t-tikketta wara JIS. Id-data ta' meta tiskadi tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.

Aħżen fil-friża f'temperatura ta' -90 °C sa -60 °C.

Aħżen fil-pakkett oriġinali sabiex tilqa' mid-dawl.

Il-vaċċin se jiġi riċevut iffriżat f'temperatura ta' -90 °C sa -60 °C. Wara li jiġi riċevut vaċċin iffriżat jista' jinħażen f'temperatura ta' -90 °C sa -60 °C jew f'temperatura ta' 2 °C sa 8 °C.

Meta jinħażnu ffriżati f'temperatura ta' -90 °C sa -60 °C, pakketti b'10 kunjetti tal-vaċċin jistgħu jinħallu mis-silġ f'temperatura ta' 2 °C sa 8 °C għal sagħtejn jew kunjetti individwali jistgħu jinħallu f'temperatura tal-kamra (sa 30 °C) għal 30 minuta.

Kunjetti li nħallu mis-silġ (li qabel kienu ffriżati): Ladarba jitneħħa mill-friża, il-kunjett mhux miftuħ jista' jinħażen u jiġi ttrasportat fi friġġ f'temperatura ta' 2 °C sa 8 °C għal perjodu massimu ta' 10 ġimgħat; dan m'għandux jaqbeż id-data ta' meta jiskadi stampata (JIS). Il-kartuna ta' barra għandha tiġi mmarkata bid-data ta' meta jiskadi l-ġdida jekk jinħażen f'temperatura ta' 2 °C sa 8 °C. Ladarba jinħall mis-silġ, il-vaċċin ma jistax jiġi ffriżat mill-ġdid.

Qabel l-użu, il-kunjetti mhux miftuħa jistgħu jinħażnu għal massimu ta' 12-il siegħa f'temperaturi bejn 8 °C u 30 °C.

Kunjetti li nħallu mis-silġ jistgħu jiġu mmaniġġjati f'kondizzjonijiet ta' dawl tal-kamra.

Wara d-dilwizzjoni, aħżen il-vaċċin f'temperatura ta' 2 °C sa 30 °C u użah fi żmien 12-il siegħa, dan jinkludi sa 6 sigħat li matulhom il-prodott jiġi trasportat. Armi kwalunkwe vaċċin mhux użat.

Tużax dan il-vaċċin jekk tinnota partiċelli fid-dilwizzjoni jew bidla fil-kulur.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għadekx tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

## 6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

**X'fih Comirnaty KP.2**

- Is-sustanza attiva tal-Vaċċin tal-mRNA tal-COVID-19 (b'nucleoside modifikat) hija msejħa cemivameran. Wara d-dilwizzjoni, il-kunjett b'**għatu isfar** ikun fih **3 dożi ta' 0.3 mL** bi 3 mikrogrammi ta' cemivameran kull wieħed.
- Is-sustanzi mhux attivi l-oħra huma:
  - ((4-hydroxybutyl)azanediyl)bis(hexane-6,1-diyl)bis(2-hexyldecanoate) (ALC-0315)
  - 2-[(polyethylene glycol)-2000]-N,N-ditetradecylacetamide (ALC-0159)
  - 1,2-Distearoyl-sn-glycero-3-phosphocholine (DSPC)
  - kolesterol
  - trometamol
  - trometamol hydrochloride
  - sucrose
  - ilma għall-injezzjonijiet

**Kif jidher Comirnaty KP.2 u l-kontenut tal-pakkett**
Il-vaċċin huwa dispersjoni ċara għal kemmxejn opalexxenti (pH: 6.9 - 7.9) ipprovdut f'kunjett b'aktar minn doża waħda ta' **3 dożi** f'kunjett trasparenti ta' 2 mL (ħġieġ tat-tip I), b'tapp tal-lastku u **għatu tal-plastik isfar li jitneħħa b'daqqa ta' saba'** b'siġill tal-aluminju.

Daqs tal-pakkett: 10 kunjetti

**Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq**
BioNTech Manufacturing GmbH
An der Goldgrube 12
55131 Mainz
Il-Ġermanja
Phone: +49 6131 9084-0
Fax: +49 6131 9084-2121
service@biontech.de

**Manifatturi**
BioNTech Manufacturing GmbH
Kupferbergterrasse 17 - 19
55116 Mainz
Il-Ġermanja

Pfizer Manufacturing Belgium NV
Rijksweg 12
Puurs-Sint-Amands, 2870
Il-Belġju

Għal kull tagħrif dwar din il-mediċina, jekk jogħġbok ikkuntattja lir-rappreżentant lokali tad-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq:

- **België/Belgique/Belgien, Luxembourg/Luxemburg**: Pfizer S.A./N.V., Tél/Tel: +32 (0)2 554 62 11
- **България**: Пфайзер Люксембург САРЛ, Клон, България, Тел: +359 2 970 4333
- **Česká republika**: Pfizer, spol. s r.o., Tel: +420 283 004 111
- **Danmark**: Pfizer ApS, Tlf.: +45 44 201 100
- **Deutschland**: BioNTech Manufacturing GmbH, Tel: +49 6131 90840
- **Eesti**: Pfizer Luxembourg SARL Eesti filiaal, Tel: +372 666 7500
- **Ελλάδα**: Pfizer Ελλάς A.E., Τηλ.: +30 210 6785 800
- **España**: Pfizer, S.L., Tel: +34914909900
- **France**: Pfizer, Tél +33 1 58 07 34 40
- **Hrvatska**: Pfizer Croatia d.o.o., Tel: +385 1 3908 777
- **Ireland**: Pfizer Healthcare Ireland, Tel: 1800 633 363 (toll free), +44 (0)1304 616161
- **Ísland**: Icepharma hf, Simi: +354 540 8000
- **Italia**: Pfizer S.r.l., Tel: +39 06 33 18 21
- **Κύπρος**: Pfizer Ελλάς A.E. (Cyprus Branch), Τηλ: +357 22 817690
- **Latvija**: Pfizer Luxembourg SARL filiāle Latvijā, Tel.: +371 670 35 775
- **Lietuva**: Pfizer Luxembourg SARL filialas Lietuvoje, Tel. +370 52 51 4000
- **Magyarország**: Pfizer Kft, Tel: +36 1 488 3700
- **Malta**: Vivian Corporation Ltd., Tel: +35621 344610
- **Norge**: Pfizer AS, Tlf: +47 67 526 100
- **Nederland**: Pfizer BV, Tel: +31 (0)10 406 43 01
- **Österreich**: Pfizer Corporation Austria Ges.m.b.H, Tel: +43 (0)1 521 15-0
- **Polska**: Pfizer Polska Sp. z o.o., Tel.: +48 22 335 61 00
- **Portugal**: Laboratórios Pfizer, Lda., Tel: +351 21 423 5500
- **România:** Pfizer Romania S.R.L, Tel: +40 (0) 21 207 28 00
- **Slovenija**: Pfizer Luxembourg SARL, Pfizer, podružnica za svetovanje s področja farmacevtske dejavnosti, Ljubljana, Tel.: +386 (0) 1 52 11 400
- **Slovenská republika**: Pfizer Luxembourg SARL, organizačná zložka, Tel: +421 2 3355 5500
- **Suomi/Finland**: Pfizer Oy, Puh/Tel: +358 (0)9 430 040
- **Sverige**: Pfizer AB, Tel: +46 (0)8 550 520 00

**Dan il-fuljett kien rivedut l-aħħar f' 03/2025.**

Skennja l-kowd b'*mobile* biex tikseb il-fuljett ta' tagħrif f'lingwi differenti.

URL: www.comirnatyglobal.com

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini: https://www.ema.europa.eu.

---------------------------------------------------------------------------------------------------------------

**It-tagħrif li jmiss qed jingħata biss għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa biss:**
Jekk it-tifel/tifla ma lestiex/lestietx kors ta' tilqim primarju kontra l-COVID-19 jew ma kienx/kinitx infettat/a b'SARS-CoV-2 fil-passat, agħti Comirnaty KP.2 ġol-muskoli wara d-dilwizzjoni bħala kors primarju ta' massimu ta' 3 dożi (in-numru totali ta' dożi meħtieġa bħala kors primarju); it-tieni doża mogħtija 3 ġimgħat wara l-ewwel doża segwita mit-tielet doża mill-inqas 8 ġimgħat wara t-tieni doża biex jitlesta l-kors primarju.

Jekk it-tifel/tifla lesta kors ta' tilqim primarju kontra l-COVID-19 qabel, jew għandu/ha storja medika ta' infezzjoni preċedenti b'SARS-CoV-2, agħti Comirnaty KP.2 ġol-muskoli wara d-dilwizzjoni ta' doża waħda ta' **0.3 mL**. Jekk l-individwu kien imlaqqam qabel b'vaċċin tal-COVID-19, l-individwu għandu jirċievi doża ta' Comirnaty KP.2 mill-inqas 3 xhur wara l-aktar doża riċenti.

Dożi addizzjonali jistgħu jingħataw lil individwi li huma immunokompromessi b'mod sever.

**Traċċabilità**
Sabiex tittejjeb it-traċċabilità tal-prodotti mediċinali bijoloġiċi, l-isem u n-numru tal-lott tal-prodott amministrat għandhom jiġu rrekordjati b'mod ċar.

**Istruzzjonijiet dwar l-immaniġġar qabel l-użu**
Comirnaty KP.2 għandu jiġi ppreparat minn professjonist tal-kura tas-saħħa permezz ta' teknika asettika biex tiġi żgurata l-isterilità tad-dispersjoni ppreparata.

- **Ivverifika** li l-kunjett għandu **għatu tal-plastik isfar** u li **l-isem tal-prodott huwa Comirnaty KP.2 3 mikrogrammi/doża konċentrat għal dispersjoni għall-injezzjoni** (trabi u tfal minn 6 xhur sa 4 snin).
- Jekk il-kunjett għandu isem tal-prodott ieħor fuq it-tikketta jew għatu ta' kulur differenti, jekk jogħġbok irreferi għas-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott għal dik il-formulazzjoni.
- Jekk il-kunjett jinħażen iffriżat għandu jinħall mis-silġ qabel l-użu. Kunjetti ffriżati għandhom jiġu ttrasferiti għal ambjent b'temperatura ta' 2 °C sa 8 °C biex jinħallu mis-silġ; pakkett ta' 10 kunjetti jista' jieħu sagħtejn biex jinħall mis-silġ. Kun ċert li l-kunjetti jkunu nħallu kompletament mis-silġ qabel l-użu.
- Meta l-kunjetti jitmexxew għal ħażna f'temperatura ta' 2 °C sa 8 °C, aġġorna d-data ta' meta jiskadi fuq il-kartuna.
- Kunjetti mhux miftuħa jistgħu **jinħażnu għal massimu ta' 10 ġimgħat f'temperatura ta' 2 °C sa 8 °C**; dan m'għandux jaqbeż id-data ta' meta jiskadi stampata (JIS).
- Inkella, kunjetti ndividwali ffriżati jistgħu jinħallu mis-silġ għal 30 minuta f'temperaturi sa 30 °C.
- Qabel l-użu, il-kunjett mhux miftuħ jista' jinħażen għal perjodu sa 12-il siegħa f'temperaturi sa 30 °C. Kunjetti li nħallu mis-silġ jistgħu jiġu mmaniġġjati f'kondizzjonijiet ta' dawl tal-kamra.

**Dilwizzjoni**

- Ħalli l-kunjett li jkun inħall mis-silġ jilħaq it-temperatura tal-kamra u aqilbu bil-mod ta' taħt fuq għal 10 darbiet qabel id-dilwizzjoni. Tħawwadx.
- Qabel id-dilwizzjoni, id-dispersjoni li tkun inħallet mis-silġ jista' jkun fiha partiċelli amorfi opaki ta' lewn abjad sa abjad maħmuġ.
- It-tilqima li tkun inħallet mis-silġ għandha tiġi dilwita fil-kunjett oriġinali tagħha **b'1.1 mL ta' soluzzjoni għall-injezzjoni ta' 9 mg/mL (0.9%) sodium chloride**, bl-użu ta' labra b'daqs ta' 21 gauge jew idjaq u tekniki asettiċi.
- Ugwalizza l-pressjoni fil-kunjett qabel ma tneħħi l-labra mit-tapp tal-kunjett billi tiġbed 1.1 mL ta' arja fis-siringa tad-dilwent vojta.
- Aqleb id-dispersjoni dilwita ta' taħt fuq bil-mod għal 10 darbiet. Tħawwadx.

- Il-vaċċin dilwit għandu jidher bħala dispersjoni ċara għal kemmxejn opalexxenti mingħajr l-ebda partiċelli viżibbli. Tużax il-vaċċin dilwit jekk ikun hemm frak jew tibdil fil-kulur.
- Il-kunjetti dilwiti għandhom jiġu mmarkati bid-**data u l-ħin xierqa ta' meta għandhom jintremew**.
- **Wara d-dilwizzjoni**, aħżen f'temperatura ta' 2 °C sa 30 °C u uża fi żmien **12-il siegħa**.
- Tiffriżax u tħawwadx id-dispersjoni dilwita. Jekk titpoġġa fi friġġ, ħalli id-dispersjoni dilwita tilħaq it-temperatura tal-kamra qabel l-użu.

**Preparazzjoni ta' dożi ta' 0.3 mL**

- Wara d-dilwizzjoni, il-kunjett ikun fih 1.58 mL li minnhom jistgħu jinġibdu **3 dożi ta' 0.3 mL**.
- Bl-użu ta' teknika asettika, naddaf it-tapp tal-kunjett b'imselħa antisettika li tintuża darba u tintrema.
- Iġbed **0.3 mL** ta' Comirnaty KP.2 għal trabi u tfal b'età minn 6 xhur sa 4 snin. Jistgħu jintużaw **siringi u/jew labar standard** biex jinġibdu 3 dożi minn kunjett wieħed.
- Kull doża għandu jkun fiha **0.3 mL** ta' vaċċin.
- Jekk l-ammont ta' vaċċin li jifdal fil-kunjett ma jistax jipprovdi doża sħiħa ta' **0.3 mL**, armi l-kunjett u kwalunkwe volum żejjed.
- Armi kwalunkwe vaċċin mhux użat fi żmien 12-il siegħa wara d-dilwizzjoni.

**Rimi**

Kull fdal tal-prodott mediċinali li ma jkunx intuża jew skart li jibqa' wara l-użu tal-prodott għandu jintrema kif jitolbu l-liġijiet lokali.